Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2009

li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2009/791/KE)

(ĠU L 283, 30.10.2009, p. 55)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' 2012/705/UE Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2012	L 319	8	16.11.2012
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428 tal-10 ta' Diċembru 2015	L 334	12	22.12.2015
►M3	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2060 tal-20 ta' Diċembru 2018	L 329	20	27.12.2018

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Ottubru 2009

li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

(2009/791/KE)

▼M2

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 168 u mill-Artikolu 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Ġermanja hija awtorizzata teskludi għalkollox it-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) imġarrba fuq l-oġġetti u s-servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta dawk l-oġġetti u s-servizzi jintużaw, f'iktar minn 90 % tal-każijiet, għall-għanijiet privati ta' persuna taxxabbli jew tal-impjegati tagħha, jew, b'mod iktar ġenerali, għal għanijiet li mhumiex tan-negozju jew għal attivitajiet mhux ekonomiċi.

▼M3

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2021.

Kwalunkwe talba għall-estensjoni tal-miżura ta' deroga prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2021.

Flimkien mat-tali talba għandu jintbagħat rapport dwar l-applikazzjoni ta' din il-miżura li jinkludi analiżi tar-rata ta' tqassim applikata għad-dritt ta' tnaqqis tal-VAT abbażi ta' din id-Deċiżjoni.

▼B

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.